MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-21 ta' April, 2005

Numru. 217/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Maurice Curmi**
vs

**CARMELA BUTTIGIEG**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputata **CARMELA BUTTIGIEG** bint Michele u Mary nee Muscat imwielda nhar is-26 ta' Frar, 1921 u residenti fil-fond numru 3, Triq in-Nadur, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita` numru 20221 G giet imressqha quddiemha akkuzata talli;

1. Bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud , fil-31 ta'Mejju, 2003 u fi granet li jigu qabel din id-data, f'Buttigieg Bakery, Triq in-Nadur, Qala, Ghawdex, naqqset li zzomm kopji ta' l-ircevuti

mahruga skond l-Erbatax il-Skeda li tinsab mal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud;

2. Kif ukoll talli hareget ircevuti li ma kienux korretti u li kienu jqarqu f'rigward materjali u dan illi ndikat fuq dawn ir-ricevuti pprovista taxxabbli bil-marka "E" jigifieri ezent bil-kreditu minflok bil-marka "F" jigifieri taxxabbli bir-rata ta' 15% .

Semghet lill-imputata tirregistra ammissjoni fis-seduta tal-25 ta' Jannar, 2005 u dana fil-presenza tal-avukat difensur taghha u dana fir-residenza tal-istess imputata u fuq tali ammissjoni il-Qorti tiddikjara li ssib lill-imputata hatja tal-akkuzi.

**Il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe' l-artikoli 76 (b) tal-Att numru XXIII tal-1998 u l-artikoli 51 u 77 (a) (e) tal-istess Att, tiddikjara li ssib lill-imputata CARMELA BUTTIGIEG hatja tal-akkuzi u tikkundannha ghall-hlas ta' multa ta' mitt lira Maltin.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------